---

**19 ta' Mejju, 1997**

**Imhallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Josephine Cauchi, *et.*

**Bini Perikoluż**

*L-artikolu 25 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija ma jirreferi għal ebda persuna speċifika jew kategorija ta' persuni. L-obbligu impost bit-tieni parti ta' dan l-artikolu qiegħed fuq kull persuna li b'xi mod għandha kontroll effettiv fuq u għalhekk tista' effettivament tneħħi, il-perikolu eżistenti, sija jekk dik il-persuna hija s-sid jew l-inkwilin jew id-detentur jew l-amministratur tal-fond, bini jew opra li tkun u salv kwalsiasi dritt ta' risarċiment ta' l-ispejjeż fil-konfront ta' persuna jew persuni oħra.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva kontra

Josephine Cauchi, Mario Cauchi, Carmen Sciortino, Philip Cauchi, Angelo Cauchi, Paul Cauchi u Emanuela Brincat talli f'Ħaż Żabbar, fix-xhur immdjatament preċedenti ċ-ċitazzjoni (li ġġib id-data tat-13 ta' Jannar, 1992) bħala sidien tal-fond numru 21, Triq il-Parroċċa, Ħaż Żebbuġ, naqsu li jobdu l-ordni leġittima tal-Pulizija mogħtija lilhom bil-miktub biex ineħħu l-perikolu li hemm fl-imsemmi post li jinstab fi stat ħażin ta' tiswija u ta' perikolu għan-nies u għall-proprjeta' ta' ħaddieħor; l-Ewwel Qorti kienet ukoll mitluba li tordna r-rimozzjoni ta' l-inkonenjent jew l-esekuzzjoni tal-liġi taħt penali, jew li l-inkonvenjent jitneħħa jew il-liġi tiġi esegwita mill-Pulizija a spejjeż tal-ħati;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tad-19 ta' Novembru, 1996 li biha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija imputati ħatja skond l-imputazzjoni dedotta kontra tagħhom, ikkundannathom għall-piena ta' ċanfira u twiddiba u ordnat it-tneħħija ta' l-inkonvenjent ossia perikolu fi żmien xahar taħt penali ta' żewġ liri kuljum fin-nuqqas;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Josephine Cauchi, Mario Cauchi, Carmen Sciortino, Philip Cauchi, Angelo Cauchi, Paul Cauchi u Emanuela Brincat, minnhom ippreżentat fit-28 ta' Novembru, 1996 li bih talbu r-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza ta' l-14 ta' Marzu, 1997, ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellanti huma sempliċi: huma jikkontendu li ma ġiex ippruvat mill-prosekuzzjoni li huma s-sidien tal-fond in kwistjoni jew li għandhom xi titolu fuqu, kif ukoll li ma ġiex ippruvat li huma ġew b'xi mod intimati mill-pulizija biex ineħħu xi perikolu. L-imputazzjoni kjarament tipotizza r-reat ikkontemplat fl-artikolu 25 tal-Kodiċi tal-

Liġijiet tal-Pulizija (għalkemm l-Ewwel Qorti, għal xi raġuni, fis-sentenza tagħha kkwotat l-artikolu 338 (ee) tal-Kodiċi Kriminali). Kif din il-Qorti kellha diġa' l-okkażjoni li tosserva fis-sentenza tagħha tat-30 ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs* Robert Grech**, l-obbligu impost bit-tieni parti ta' l-imsemmi artikolu 25 qiegħed fuq kull persuna li b'xi mod għandha kontroll effettiv fuq u għalhekk tista' effettivament tneħħi l-perikolu eżistenti, sia jekk dik il-persuna hija s-sid jew l-inkwilin jew id-detentur jew l-amministratur tal-fond, bini jew opra li tkun u salv naturalment kwalsiasi dritt ta' risarċiment ta' l-ispejjeż li dik il-persuna jista' jkollha fil-konfront ta' persuna jew persuni oħra. Issa, fil-kors ta' din il-kawża, li damet għaddejja quddiem il-Qorti Inferjuri aktar minn erba' snin, il-prosekuzzjoni ma ġabet assolutament ebda prova li l-appellanti , jew imqar wieħed minnhom, għandu xi konnessjoni ma' jew xi forma ta' kontroll fuq il-fond in kwistjoni. Matul dawn l-erba' snin u nofs anqas ma nġiebet xi prova li l-appellanti, jew imqar wieħed minnhom, kien ġie mwissi mill-pulizija fis-sens ta' l-artikolu 25. Il-prosekuzzjoni jidher li straħet esklussivament fuq ir-rapport tal-kompjant perit Joseph Huntingford, minnu ppreżentat fl-udjenza tad-9 ta' Frar, 1993; iżda dan ir-rapport jikkonferma biss l-eżistenza tal-perikolu fil-fond in kwistjoni u xejn aktar. Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs* Robert Grech**, appena ċċitata, din il-Qorti kienet esprimiet il-preokkupazzjoni tagħha għall-fatt li kawżi għar-rimozzjoni ta' perikolu, li huma min-natura tagħhom kawżi urġenti, idumu s-snin ikarkru quddiem il-qrati inferjuri, ħafna drabi bil-prosekuzzjoni prattikament inattiva. Dan hu każ simili fejn addirittura l-prosekuzzjoni ma ressqitx provi;

Għall-motivi premessi din il-Qorti tilqa' l-appell, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tillibera lill-appellanti kollha minn kull imputazzjoni, ħtija u piena.